Sena Fostna
Sant'Anna, Wied il-Għajn
1947 - 2017

Diċembru 2017 — Ħarġa 305

# Ħolqa Bejnietna

Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn
Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Insibu lil Ġesù...

"**Issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura**"
(Lq 2:12)

Dan hu s-sinjal bil-kliem li ta l-anġlu tal-Mulej lir-rgħajja ta' Betlem biex jistgħu jsibu lil Ġesù tarbija. Hekk kien is-sinjal dakinhar; u hekk għadu llum ukoll. Jekk irridu niffesteġġjaw il-veru Milied, ejjew nikkontemplaw dan is-sinjal: is-sempiliċità dgħajfa ta' tarbija ċkejkna tat-twelid, mqiegħda u mfisqija f' maxtura. Hemm qiegħed Alla.

U biex niltaqgħu miegħu jeħtieġ immorru hemm, fejn hu jinsab fil-maxtura. Id-dehra quddiemna ta' dan it-Tifel imwieled iġġibilna sfida ma' wiċċna: qed isejħilna biex nitilqu l-aljenazzjonijiet tagħna u mmorru għall-essenzjal. Iħeġġiġna nħallu l-affarijiet materjali warajna biex fis-sempliċità ta' Alla-tarbija nsibu mill-ġdid il-paċi, il-ferħ u t-tifsira vera tal-ħajja.

L-isfida ta' din it-Tarbija fil-maxtura trid iġġiegħlna niftakru f'tant trabi li, illum, mhumiex imqiegħda f'benniena u fl-imħabba ta' omm u missier, imma huma mitluqa f'"*maxturi bla dinjità*": fil-kenn taħt l-art biex jiskampaw il-bumbardamenti tal-gwerra, mitluqa fil-ġenb tal-bankina ta' xi belt kbira, f'qiegħ xi dgħajsa mgħobbija bl-immigranti. Inħallu jisfidawna t-trabi li jinqatlu qabel jitwieldu. Tidħol f'qalbna l-bikja ta' dawk it-tfal li qed ibatu l-ġuħ u l-għaks jew dawk li f'idejhom mhux ġugarelli għandhom, imma armi.

**Misteru ta' tama**

Veru li l-misteru tal-Milied jisfidana u jheżżiżna; imma fl-istess waqt hu misteru ta' tama. Minkejja d-dlamijiet li jistgħu jgħattu l-ħajja tagħna, naraw id-dawl ta' Alla. Id-dawl tiegħu ma jbeżżax. Alla innamra magħna għax sar bniedem bħalna biex jiġbidna lejh bil-ħlewwa tiegħu, bil-faqar u bl-imħabba eterna tiegħu.

Ma' Marija u Ġużeppi noqogħdu quddiem il-maxtura fejn insibu lil Ġesu mimdud u mfisqi u nikkontemplaw l-imħabba tiegħu bla tmiem. Ngħidlu sempliċiment grazzi: grazzi li dan kollu għamiltu għalija.

**Ejjew infittxuh, insibuh u nilqgħuh!**

**Il-Milied it-Tajjeb!**

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan

# Omm u Missier għall-ewwel darba!

Kull darba li nħarsu lura u niftakru f'dak il-mument li sirna nafu li kien ser ikollna tarbija, nitbissmu. Diġà għaddiet aktar minn sena u nofs minn meta ħadna din l-aħbar u qed nindunaw kemm iż-żmien tassew itir u kemm huwa importanti li ngawdu kull minuta mat-tifel tagħna, Luca.

Hekk kif bdejna naqsmu din l-aħbar tassew sabiħa mal-familjari u l-ħbieb tagħna, apparti kliem (u dmugħ) ta' ferħ u anke uċuħ perplessi ta' nies li kienu ser isiru nanniet għall-ewwel darba, kulħadd kien jgħidilna li ħajjitna kienet ser tinbidel. U llum li Luca qed joqrob li jagħlaq l-ewwel sena tiegħu, nistgħu nikkonfermaw kemm dawn kellhom raġun. Tassew li l-ħajja tinbidel. Tinbidel f'kull sens. Minn dak il-mument li sirna nafu li konna qed nistennew tarbija, il-mument mill-isbaħ li ħaddanna lil Luca f'idejna l-ewwel darba, sal-ħin u l-mument li qed niktbu dan l-artiklu għadna ma waqafniex minuta milli naħsbu (u ħafna drabi ninkwetaw) fuq it-tarbija tagħna. Il-fatt li jkollok xi ħadd jiddependi totalment minnek ibiddel il-moħħ minn wieħed żagħżugħ u frisk għal wieħed iktar responsabbli. Ikollna nammettu ukoll li l-bidla li saret f'ħajjitna ġabet ukoll magħha mumenti iebsa, speċjalment meta f'idejk ikollok tarbija ċkejkna li qed tibki u inti trid taħseb f'miljun possibilità dwar din it-tarbija x'jista' ikollha. Illum, qed nesperjenzaw tip ta' imħabba li qatt ma konna nħossu bħala qabel.

It-tarbija ġdida fil-familja tagħna tista' tgħid li ġabet magħha ħafna sagrifiċċji. Però meta nħarsu lejn dik it-tbissima ħelwa ta' Luca, qalbna ddub, jimlina bil-ferħ u ninsew kull sagrifiċċju li nkunu għaddejna minnu u fil-veru sens ngħidu, iva ħajjitna nbiddlet...iżda nirringrazzjaw lil Alla kull mument, ta' dan ir-rigal li jisboq kull rigal li qatt stajna nirċievu.

**Kurt u Rebecca Scerri**





# The English Speaking Community in our Parish

**David West**

Jesus said, "Go ye therefore and teach all nations." Fortunately, the Maltese don't have to go anywhere to do that because 'all nations' love to come here, either for holidays, work, study or retirement. Most of the Maltese speak English.

What a wonderful opportunity then to find a lovely little chapel of The Holy Rosary at Villa Apap Bologna, Marsascala. The mass of 11:00 o'clock in the morning is offered in English every Sunday to a truly international congregation.

The congregation attending this service will only increase and multiply as time goes by. This opportunity for evangelization is what our Pope most wants and hopefully will not be neglected here.



**Mass every Sunday at 11 AM**

## at the Rosary Chapel

**Villa Apap Bologna, Marsaskala**

## DIMOSTRAZZJONI TA' ĠESÙ BAMBIN
## Nhar il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2017

Din is-sena d-Dimostrazzjoni bil-Bambin se ssir fiz-zona ta' Bellavista.

Nibdew fis-5:45pm minn Triq il-Qastan kantuniera ma' Triq il-Friefet.

Il-Purċissjoni se tgħaddi minn: Triq il-Friefet, Triq il-Gross, Triq il-Gemmugħa, Triq Ħortan, Triq Ġebel Ħanxul, Triq Sant'Antnin, Ix-Xatt, Pjazza Dun Tarċis.

Fis-7:00pm nidħlu l-knisja Parrokkjali Sant'Anna fejn ikollna programm ta' kant u poeżiji tal-Milied. Jittellgħu bosta rigali u tingħata tifkira lil dawk kollha li jattendu.


CUTAJAR
Funeral Services
69 St. Helen Street Cospicua
Tel: 2182 6277
ALLAN 9949 2001
9942 3440
IVAN 9942 4599
Email: mcfunerals@gmail.com






Il-Kappillan u s-Saċerdoti flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kumissjonijiet jixtiequ

## l-Milied it-Tajjeb

lill-Iskalin kollha u jawguraw li l-kuntentizza tal-Mulej Ġesù tgħix fil-qlub tal-familji kollha tagħna.

# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Diċembru 2017

| | |
|---|---|
| 1 Il-Ġimgħa | **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.** Fis-6:00pm quddiesa u wara adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| 1-3 | Irtir tal-Avvent għall-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ fis-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat. |
| **3 Il-Ħadd** | **L-1 Ħadd tal-Avvent. Fl-10:15am Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha.**<br>**Fis-7:30pm Kunċert tal-Milied fis-Sala Sant'Anna.** |
| 4 It-Tnejn | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Gross (minn Triq il-Ħabberxa sa Triq Ġuże Pesci) u Triq Ġuże Pesci.** |
| 5 It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Gross (minn Triq Ġ. Pesci sa Triq ir-Rummien), Triq ir-Rummien u Triq il-Qastan.** |
| 6 L-Erbgħa | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq Salvu Buhagiar.** |
| 7-10 | Bazaar tal-Parroċċa fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied fis-Sala Sant'Anna. |
| **8 Il-Ġimgħa** | **It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija.** |
| 10 Il-Ħadd | It-2 Ħadd tal-Avvent. Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| 11 It-Tnejn | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq Ġebel Ħanxul, Triq il-Ħabberxa, Triq il-Quċċata u Qasam il-Bujjar.** |
| 12 It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Buttar, Triq Lorry Sant u Triq id-Dugħ.** |
| 13 L-Erbgħa | Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.<br>Fis-7:30am tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Ħarġa għall-Għawdex u nżuru l-Presepju ta' Għajnsielem. Inkunu lura għall-vapur tas-6:00pm. |
| 14 Il-Ħamis | Fil-Quddiesa tas-6:00pm jingħaqdu magħna s-saċerdoti tad-Dar tal-Kleru. |
| 15 Il-Ġimgħa | Fis-6:00pm quddiesa animata mis-Soċjetà tal-Museum.<br>Fit-7:45pm tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Ikla tal-Milied fis-Soreda Hotel organizzata mill-parroċċa. |
| 16 Is-Sibt | **Tibda n-Novena tal-Milied.** Fis-6:30pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Familja. |
| **17 Il-Ħadd** | **It-3 Ħadd tal-Avvent.**<br>Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn u mill-Gruppi tal-Armar u tan-Nar. |
| 18 It-Tnejn | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Liturġija. |
| 19 It-Tlieta | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Djakonija. |
| 20 L-Erbgħa | Fid-9:30am *Party* mill-Mother and Baby Club fis-Sala Sant'Anna.<br>Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Fratelli tal-Parroċċa. |
| 21 Il-Ħamis | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata miċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar. |
| 22 Il-Ġimgħa | Fil-5:30pm *Party* għat-tfal taċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar fis-Sala Sant'Anna.<br>Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa. |
| 23 Is-Sibt | Fis-6:30pm quddiesa tan-novena animata mill-Grupp Kariżmatiku. |
| **24 Il-Ħadd** | **Ir-4 Ħadd tal-Avvent.** Fil-Quddiesa tad-9:15am ser ikun hemm it-tberik tal-Bambini u l-Presepji. |
| **Lejliet il-Milied** | **Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:00pm u 8:00pm. Fis-7:00pm Dħul tal-Purċissjoni tal-Bambin fil-Knisja Parrokkjali. Fl-11:00pm Velja tal-Milied u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied.** |
| **25 Tnejn** | **It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.** Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:30am u fis-6:00pm.<br>Fil-11:00am quddiesa bl-ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju. |
| 28 Il-Ħamis | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6:00pm. |
| 29 Il-Ġimgħa | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6:00pm. |
| 30 Is-Sibt | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sal-5:15pm.<br>Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fil-5:15pm, fis-6:30pm u fit-8:00pm. |
| 31 Il-Ħadd | **Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.**<br>Filgħaxija il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:00pm u **fit-8:00pm Quddiesa li fiha jitkanta Te Deum u nagħlqu s-Sena li fiha ċċelebrajna s-70 Sena mill-wasla tal-Istatwa Titulari ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna.**<br>Fid-9:15pm nkomplu naqsmu dan il-ferħ flimkien fin-New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna.<br>Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali. |
| **1 Jannar** | **Is-Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi.** Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:30am u fis-6:00pm. Fil-11:00am quddiesa bl-ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju.**Is-Sena t-Tajba.** |